**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 20 ta' Novembru, 2020**

**Talba Nru: 235/2020PM1**

**Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C113)**

**Vs**

**Ertugul Ramazan (91900(L))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tmienja (8) t' Ottubru, 2019 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-istess socjeta` attrici is-somma kumplessiva ta' erbat elef, mija u tlieta u tmenin euro u u sebgha u tletin centezmu (€4183.37) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' €3194.06 prezz ta' merca mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut u in kwantu ghall-ammont ta' €1048.11 dovuti bhala bilanc minn self moghti lill-konvenut permezz ta' ftehim datat 13 ta' Marzu, 2001.

Bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-prezenti rikors kif ukoll b'rizerva ghal kwalsiasi ammont ulterjuri talvolta dovut lis-socjeta` attrici.

Ra l-i*statements* annessi mal-istess avviz minn fejn jirrizultaw is-somom rispettivi ta' €3194.06 u ta' €1048.11 dovuti mill-konvenut lis-socjeta` attrici. Ra wkoll il-kopja tal-

ftehim datat 13 ta'Marzu, 2001 ezebit mis-socjeta` attrici u minn fejn jirrizulta s-self imsemmi fl-avviz tat-talba (klawsola 6a tal-ftehim).

Ra li l-konvenut gie ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti tat-13 ta' Novembru, 2020 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-13 ta' Novembru, 2020 u fil-fatt il-konvenut ma deherx sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. L-ammont mitlub jinsab ukoll konfermat mill-i*statements* u mill-ftehim ezebiti in atti. A tenur tal-art. 1141 tal-**Kodici Civili** u tenut kont tan-natura evidentement kummercjali tar-relazzjoni bejn il-partijiet it-Tribunal ser jilqa' wkoll it-talba ghall-imghaxijiet legali, kif dedotta u cioe` sa mid-data tal-prezentata tal-avviz odjern ossija mit-8 t'Ottubru, 2020.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma mitluba ta' erbat elef, mija u tlieta u tmenin euro u sebgha u tletin centezmu (€4183.37) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' €3194.06 prezz ta' merca mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut u in kwantu ghall-ammont ta' €1048.11 dovuti bhala bilanc minn self moghti lill-konvenut permezz ta' ftehim datat 13 ta' Marzu, 2001 bl-ispejjez u bl-imghax mit-8 t' Ottubru, 2020 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**